# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2024**

**Numru 15**

**Rikors numru 108/2023/1**

**Ahmad Aziz**

**v**

**L-Avukat tal-Istat u Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u Jobsplus Malta**

1. L-attur appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-12 ta' Marzu, 2024 li biha lliberat mill-ġudizzju lill-Avukat tal-Istat u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u b'applikazzjoni tal-*proviso* tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni qalet li l-attur għandu rimedju alternattiv u rrifjutat li teżerċita s-setgħat tagħha.

2. Mill-atti jirriżulta li:

- Fl-4 ta' Mejju 2018 infetħet kawża fl-ismijiet **Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Ahmad Aziz** (421/2020). B'dik il-kawża d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fittex biex jitħassar iċ-ċertifikat tat-twelid tal-konvenut (illum attur) għaliex qal li meta rreġistra t-twelid, il-konvenut tah informazzjoni falza.

- Fil-15 ta' Marzu 2021 inħareġ att ta' akkuża kontra l-attur (numru 6/2021) li bih *inter alia* ġie akkużat li għamel qligħ illeċitu għad-detriment tal-Gvern ta' Malta; għamel qligħ frawdolenti għad-detriment ta' ħaddieħor; iffalsifika dokumenti bil-għan li jingħata ċ-ċittadinanza Maltija; intenzjonalment għamel użu minn dokumenti foloz; għamel użu minn dokumenti li hu stess kien iffalsifika.

- B'sentenza li ngħatat fil-kawża 421/20 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talbiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Fl-1 ta' Frar 2023 id-Direttur appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

- B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2023 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell u bagħtet l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-meritu. Sal-lum il-kawża għadha pendenti.

- L-attur kien ukoll għamel ilment mal-Kummissarju tal-Informazzjoni u Protezzjoni tad-*Data*, kontra l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għaliex qal li rrifjutaw li jagħtuh dokumenti li jirreferu għal tentattiv ta' omiċidju li qal li kien hemm kontrih fil-perjodu meta kien qiegħed iservi bħala diplomatiku tal-Unjoni Ewropea fil-Pakistan. Il-każ spiċċa quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (appell numru C|DP/FOI/4/2021) li b'deċiżjoni tat-2 ta' Mejju 2022 ċaħad l-appell tal-attur. Fiha jingħad li, *"... it has been amply proven that the documents requested are not in the possession of the Ministry, have never been in the possession of the Ministry and the Ministry doubts their existence"*. L-attur appella minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) li b'sentenza tal-1 ta' Novembru 2023 ċaħdet l-appell u ddikjaratu fieragħ u vessatorju.

- Ilment ieħor li ressaq l-attur kien dwar Jobsplus. Ilment li sar lill-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data. L-attur allega li Jobsplus ħassru *data* personali tal-attur. B'deċiżjoni tal-4 ta' Novembru 2022 il-Kummissarju ċaħad it-talba. L-attur appella quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li b'deċiżjoni tal-1 ta' Ġunju 2023 ċaħad l-appell. L-attur appella minn dik id-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), li b'sentenza tat-28 ta' Frar 2024 iddikjarat l-appell null.

3. Fis-6 ta' Marzu 2023 l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti sabiex:

> *i. Tiddikjara li Jobsplus kisret l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni biex ma tirrettifikax id-data personali tal-applikant meta jkun diġa' lliberat u biex tħassar id-data personali tiegħu;*
> *ii. Tiddikjara li l-intimat kiser l-artikoli 1, 2, 3, 4, 5 u 6 biex jibda kawżi kriminali u ċivili paralleli kontra applikant bl-istess fatti allegati meta Malta ma jkollha l-ebda ġurisdizzjoni fuq allegati reati u l-applikant ikollu immunita' diplomatika;*
> iii. *Tiddikjara li t-Tribunal, l-IDPC u l-Ministeru kisru l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 u 10 tal-Konvenzjoni, dwar smigħ ġust u li ma jipprovdux dokumenti meta l-applikant ikun qed jiffaċja kawżi kriminali u ċivili paralleli.*

4. Fil-21 ta' Marzu 2021l-Avukat tal-Istat u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropew wieġbu *inter alia* li:

> i. Il-Ministeru m'huwiex il-leġittimu kontradittur skont l-art. 17(8) tal-Kap. 595.
> ii. L-Avukat tal-Istat ma fetaħx proċeduri ċivili u kriminali kontra l-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

5. Fit-30 ta' Marzu 2023 Jobsplus Malta *inter alia* wieġbet li l-Qorti għandha tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha skont Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li hemm proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* fl-ismijiet **Ahmad Aziz vs Jobsplus** (Appell CDP/COMP/4572022).

6. Bis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2024 l-Ewwel Qorti laqgħet l-imsemmija eċċezzjonijiet. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti kien dan:

*"L-ewwel eċċezzjoni tal-Ministru hija waħda valida. Dan għaliex skont l-Art. 17(8) imsemmi huwa s-Segretarju Permanenti li jkun ir-rappreżentant tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attivita` tal-Ministeru li għalih ikun assenjat. Min-naħa l-oħra l-Art. 181B(1)(b) tal-Kap. 12 jirreferi għall-kap tad-dipartiment ikkonċernat bħala rappreżentant tal-Gvern. Li hu żgur hu li l-Ministru mhux il-leġittimu kontradittur. Dan anke f'kawża kostituzzjonali għaliex il-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn kawżi ta' xorta differenti.*

*It-tieni eċċezzjoni, fis-sens li l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur, hija wkoll valida. Ebda lment m'hu dirett kontrih billi huwa ma jiftaħx kawżi kriminali u ma fetaħ l-ebda kawża ċivili kontra r-rikorrent. Dan apparti li huwa jiġi mħarrek in rappreżentanza tal-Gvern eċċezzjonalment biss, bħal fil-każ li ma jkunx hemm kap ta' dipartiment partikolari responsabbli inkella tkun qiegħdha tiġi attakkata xi liġi. F'dan il-każ ma hija qiegħdha tiġi attakkata l-ebda liġi u barra minn hekk, almenu minn dak li tista' tifhem din il-Qorti mir-rikors promotur ingarbuljat u oskur tar-rikorrenti, hemm kap jew kapijiet partikolari li għandhom iwieġbu għall-ilment tiegħu.*

*Il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni tal-Ministru u tal-AI għaliex in vista tal-premess m'għandhiex għalfejn.*

*Ir-raba' eċċezzjoni tal-Ministru u l-AI u t-tieni eċċezzjoni tal-Jobsplus huma validi in kwantu r-rikorrent iserraħ l-ilment tiegħu fuq disposizzjonijiet ta' liġi li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' jeddijiet fundamentali. Dan anke r-rikorrent jammettih tant illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jagħmel riferenza għall-Art. 6 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Minkejja l-eċċezzjonijiet imsemmija, il-Qorti taċċetta l-kjarifika tar-rikorrent billi f'kawżi kostituzzjonali l-Qorti tista' tapplika dispożizzjonijiet kostituzzjonali differenti minn dawk iċċitati mill-ilmentatur.*

*Fl-aħħarnett il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Jobsplus billi hemm proċeduri pendenti ivi msemmija li jistgħu jindirizzaw b'mod sodisfaċenti l-ilment tar-rikorrent fir-rigward ta' Jobsplus".*

7. Fit-22 ta' Marzu, 2024 l-attur appella mis-sentenza. Imbagħad fil-11 ta' April 2024 wieġbu l-Avukat tal-Istat u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropew, filwaqt li Jobsplus wieġbet fit-12 ta' April, 2024.

**<u>L-ewwel aggravju</u>.**

8. L-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti illiberat lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Ewropew u lill-Avukat tal-Istat. Argumenta li f'kawża ta' din ix-xorta, l-Avukat tal-Istat għandu r-rappreżentanza tal-Gvern u mhux is-Segretarju Permanenti. Il-kawża saret kontra l-Ministru minħabba l-Art. 181B(2) tal-Kap. 12. Jekk l-Ewwel Qorti deherilha li l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropew mhuwiex il-leġittimu kontradittur allura bilfors l-Avukat tal-Istat kellu jkun leġittimu kontradittur, ġialadarba ma jistax ikollok kawża ta' din ix-xorta mingħajr l-Istat ma jkun rappreżentat.

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

9. Rajna kif l-ilment kontra l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Ewropew hu li ma tawx lill-attur dokumenti li jallega li għandhom fil-pussess tagħhom.

10. Art. 181B tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern għandu jkun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Il-fatt li fil-kawża l-attur qiegħed jilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali, ma jfissirx li r-rappreżentanza tal-Gvern hi f'idejn l-Avukat tal-Istat. Skont Art. 181B(2) l-Avukat tal-Istat jirrapreżenta lill-Gvern fejn *"... minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern"*, li mhuwiex il-każ in eżami.

11. Dan apparti li skont l-Art. 17(8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595), is-Segretarju Permanenti hu r-rappreżentant ġuridiku tal-Gvern f'kawża *".... dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attivita' tal-Ministeru li għalih ikun assenjat"*.

12. Ir-referenza għas-sentenza **George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et** li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fl-14 ta' Marzu 2002 ma tgħinx l-aggravju tal-attur. L-ilment f'dik il-kawża kien dwar it-tul ta' żmien li kien qiegħed jittieħed fl-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv. Għalhekk hu ovvju li meta tqis li l-ilment kellu x'jaqsam ma' proċeduri ġudizzjarji, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja ma kellu x'jaqsam xejn fiha u dan wassal biex dik il-Qorti tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

13. Imbagħad fir-rigward tal-Avukat tal-Istat, fir-rikors promotur l-attur qal li l-ilment fil-konfront ta' dak il-konvenut hu li:

> *".... ma jirrispettax id-drittijiet tiegħu taħt l-artikoli 1, 2, 3, 4, 5 u 6 Kapitolu 319 Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, meta l-awtoritajiet Maltin bdew kawżi kriminali u ċivili paralelli kontra l-applikant meta allegati reati twettqu allegatament fil-Paiksitan fl-2007, meta l-qrati kriminali u ċivili Maltin ma għandhom l-ebda ġurisdizzjoni fuq kawżi kriminali u ċivili paralleli bl-istess fatti allegati u l-applikant għandu immunita' diplomatika"*.

14. Kif rajna, il-kawża ċivili (421/2018) infetħet mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku filwaqt li kien l-Avukat Ġenerali li ppreżenta l-att ta' akkuża

kontra l-attur. Fir-rigward tal-Avukat Ġenerali, skont Art. 2(1) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Kap. 90):

> *"L-Avukat Ġenerali jkun l-Uffiċjal Prosekutur Ewlieni f'Malta u jkollu dawk is-setgħat f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti kriminali u kif jista' minn żmien għal żmien jiġi provdut bil-liġi. Fit-twettiq tas-setgħat tiegħu li jibda, imexxi jew itemm proċedimenti kriminali l-Avukat Ġenerali għandu jeżerċita dawk is-setgħat skont il-ġudizzju personali tiegħu".*

15. Il-Qorti żżid li f'kull każ mill-ilment tal-attur joħroġ biċ-ċar li għandu rimedju ordinarju in kwantu l-ilmenti li qal li għandu dwar il-proċeduri ċivili u kriminali li nfetħu kontrih, kellu jqajjimhom f'dawk il-proċeduri.

**<u>It-tieni aggravju</u>.**

16. Dan l-aggravju jaqra hekk:

> *"Illi ged jigi sottomess ukoll hemm bir-rispett illi l-ewwel Qorti kienet Zbaljata legalment meta ghazlet li ma tezercitax il-poteri taghha u ghazlet li tiddeklina.*
> *Ghalkemm 1-intimati ghall-bidu ma taw l-ebda informazzioni dwar x'rimedju ordinarju kellhom fmohhhom bhala disponibbli ghall-esponent, fin-nota sottomissjonijiet taghhom ghamlu referenza ghal-ligi dwar il-protezzioni tad-data. Iccitaw l-artiklu 28(1) tal-Kap. 586 li jghid li wiehed jista' jintavola appell.*
> *Bid-dovut rispett dan l-artikolu ma japplikax ghac-cirkostanzi tal-appellant. Il-procedura indikata mill-intimati hija procedura ta' appell disponibbli ghal meta wiehed ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Kummissarju Tal-Protezzioni Tad-Data. Ilment tar-rikorrent hawn hija differenti - huwa ilment fil-konfront tal-awtoritajiet ghaliex hassru d-data personali tieghu - cirkostanza li mhix kontemplata fil-Kap.586. Kwindi m' hemm l-ebda rimedju ordinarju disponibbli ghall-esponent".*

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

17. Fir-rikors promotur l-ilment tal-attur fil-konfront ta' Jobsplus Malta kien spjegat hekk:

> *"1) Illi l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-Jobsplus huwa li l-intimat ma jirrispettax id-dritt tiegħu għall-ħajja privata l-artikolu 8 Kapitolu 319 Att tal-Konvenzjoni Ewropea, meta Jobsplus ħassar id-data personali tal-applikanti u naqas milli jirretifika l-istorja tal-Impjieg tiegħu meta l-applikant ikun diġa' lliberat".*

18. L-Ewwel Qorti qalet li fir-rigward ta' Jobsplus hemm proċeduri pendenti li jistgħu jindirizzaw b'mod sodisfaċenti l-ilment tal-attur fir-rigward tal-Jobsplus, u applikat il-*proviso* tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li kkonkludiet li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat hu disponibbli favur l-attur taħt il-liġi ordinarja. Evidenti li r-referenza għall-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni saret minħabba li jissemma fl-eċċezzjoni tal-Jobsplus. Madankollu, l-ilment tal-attur hu li Jobsplus bl-aġir tagħha kisret il-jedd fundamentali tal-attur kif protett taħt Art. 8 tal-Konvenzjoni. Għalhekk Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ma japplikax iżda *semmai* japplika l-*proviso* ta' Art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Ġialdarba d-dispożizzjonijiet huma identiċi, il-Qorti tqis li r-referenza għall-*proviso* tal-Art. 46(2) hi daqslikieku kienet referenza għall-*proviso* tal-Art. 4(2) tal-Kap. 319.

19. Fl-aggravju l-attur qal li l-ilment tiegħu hu li l-awtoritajiet ħassru d-*data* personali tiegħu, u li dik iċ-ċirkostanza mhijiex kontemplata taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (Kap. 586).

20. Il-Qorti ma taqbilx. Tħassir ta' *data* personali hu wieħed mill-modi kif isir proċessar ta' *data* personali.

21. Kien l-attur stess li rrikorra quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* fejn ilmenta li Jobsplus kienu ħassru *data* personali tal-attur. Fil-fatt b'deċiżjoni tal-1 ta' Ġunju 2023 (appell numru CDP/COMP/457/2022) it-Tribunal iddeċieda li Jobsplus kien ċar x'*data* kellu bżonn dwar l-attur u kien hu li qabad u bagħat iktar tagħrif milli meħtieġ. Jidher li l-Ewwel Qorti ma kinitx taf b'dik id-deċiżjoni. Fil-fatt lil din il-Qorti rriżultalha li l-attur appella, u b'sentenza tat-28 ta' Frar 2024 il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iddikjarat l-appell null (sentenza tat-28 ta' Frar, 2024 fl-appell numru 62/2023 – **Ahmad Aziz vs Jobsplus Malta**). It-Tribunal qal ukoll li Jobsplus kellha dmir iżżomm biss dik id-*data* li hi rilevanti għall-iskop li għalih intbagħtet, u m'hemm xejn fil-liġi ordinarja li żżommha milli tħassar informazzjoni mhux neċessarja, u li dan hu direttament marbut mal-prinċipju ta' *storage limitation principle*. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li għandu jkun ovvju li kif il-kontrollur tad-*data* ma jistax iżomm *data* personali għall-perjodu itwal milli hu neċessarju biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu, daqstant ieħor m'għandux

iżomm tagħrif fuq persuna li għal dak il-kontrollur ma tkunx rilevanti. Rilevanti wkoll li d-*data* personali ta' persuna għandha tkun limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata ('minimizzazzjoni tad-data'). F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għar-regolament tal-UE 2016/679 magħrufa bħala General Data Protection Regulation (GDPR) minn fejn joħorġu dawn il-prinċipji bażiċi, intiżi biex jagħtu protezzjoni lill-persuna.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss